**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 217/2023**

**ZM & TM**

**('l-Ilmentaturi')**

**vs**

**MAPFRE MSV Life p.l.c (C-15722)**

**('il-Provditur ta' Servizz', jew 'MSV')**

**Seduta tat-8 t'Awwissu 2024**

**L-Arbitru,**

Wara li ra l-Ilment magħmul kontra s-soċjetà *MAPFRE MSV Life p.l.c.* (C-15722) dwar il-polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja bin-numru 38792 favur l-Ilmentaturi.

L-Ilment, fis-sustanza tiegħu, jittratta l-fatt li l-polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja favur tagħhom meta din immaturat kellha ammont ferm inqas minn dik li huma jallegaw li l-Provditur tas-Servizz kien iggarantilhom, u wkoll jittratta allegat nuqqas ta' spjegazzjoni mir-rappreżentant ta' MSV meta dan kien ikkonvinċihom jixtru l-polza in kwistjoni.

*L-Ilment*[1]

Fl-Ilment tagħhom l-Ilmentaturi spjegaw li fis-sena 1997, rappreżentant tal-Provditur ta' Servizz, kien ċemplilhom u ħajjarhom sabiex jagħmlu polza tat-tip "*baby bond*".

Spjegaw li huwa kien informahom li kien lest jiġi d-dar tagħhom sabiex jagħtihom aktar informazzjoni fuq din il-polza fil-kumdità ta' darhom kif, fil-fatt, għamel. L-Ilmentaturi ssottomettew li huwa kien spjegalhom li dan huwa

[1] Formola tal-Ilment minn Paġna (P.) 1 - 6 b'dokumentazzjoni addizzjonali minn P. 7 - 61.

investiment tajjeb u li din il-polza kienet ser tkun investiment tajjeb għall-futur tagħhom u ta' wliedhom.

L-Ilmentaturi ssottomettew illi wara ħafna ħsieb, huma ddeċidew li jagħmlu din il-polza. Żiedu jgħidu li dan għamluh bil-kundizzjoni li jħallsu Lm120 fis-sena u wara 25 sena ta' pagamenti kontinwi kienu ser jirċievu s-somma ta' Lm10,000. Huma saħqu li dawn il-pagamenti dejjem għamluhom fil-ħin.

L-Ilmentaturi spjegaw li f'Settembru 2022 irċevew ittra mill-*Middlesea* biex jinfurmawhom li l-polza li għamlu fl-1997 immaturat u setgħu jieħdu l-ammont ta' €9,759.46. L-Ilmentaturi ssottomettew li huma jħossu li hemm qabża kbira bejn il-Lm10,000 li kienu mwiegħda u l-€10,000 li ġew offruti mal-maturità tal-polza.

L-Ilmentaturi ssottomettew illi tul dawn il-25 sena huma qatt ma ġew ikkuntattjati la mir-rappreżentant li ħajjarhom jagħmlu l-polza u lanqas mill-kumpanija li kien qiegħed jirrappreżenta sabiex jiġi spjegat lilhom li l-ammont li ġew imwiegħda fl-1997 kien ser jonqos. Huma saħqu li jistennew li ladarba rappreżentant tal-kumpanija kien ikkuntattjahom direttament sabiex jagħmlu din il-polza, l-istess kellu jsir jekk il-kumpanija kienet konxja li dan l-investiment tagħhom ma kienx ser isarraf fis-somma li ġew imwiegħda inizjalment.

L-Ilmentaturi ssottomettew li l-Provditur tas-Servizz naqashom għaliex il-kuntratt li għamlu jindika li s-somma finali meta timmatura l-polza kienet ser tkun ta' madwar Lm10,000, illum ekwivalenti għal madwar €23,293.73. Żiedu jgħidu li infatti dan kien l-istess ammont li kkwotalhom ir-rappreżentant tal-MAPFRE fis-sena 1997 meta ħajjarhom sabiex jagħmlu din il-polza. L-Ilmentaturi enfasizzaw li din l-ispjegazzjoni kienet inċentiva kbira sabiex huma ddeċidew li jinvestu f'din il-polza u fuqha bbażaw l-aspettattivi tagħhom.

L-Ilmentaturi issottolinjaw li hemm differenza ta' aktar minn €13,000 bejn dak li kienu qalulhom li jistgħu jieħdu meta timmatura l-polza u l-ammont li, fil-fatt, ġew offruti meta mmaturat il-polza. Saħqu li l-ammont offrut lanqas biss jirrappreżenta 50% tal-ammont li kienu ġew imwiegħda inizjalment.

L-Ilmentaturi qalu li jifhmu li l-ammont jista' jvarja, iżda insistew li l-qabża li hemm fl-ammonti hija esaġerata u sproporzjonata meta wieħed jieħu in

konsiderazzjoni l-aspettattivi leġittimi tagħhom li nħolqu mir-rappreżentant u l-kumpanija li kien qiegħed jirrappreżenta.

L-Ilmentaturi tennew li huma dejjem aderixxew mal-obbligi tagħhom naxxenti mill-kuntratt li ffirmaw u għamlu l-pagamenti fil-ħin. Żiedu jgħidu li, għaldaqstant, jekk kien ser ikun hemm xi bidla fil-valur li kienu ser jieħdu meta timmatura l-polza, huma jistennew li għallinqas dan kellu jiġi spjegat lilhom.

*Rimedju mitlub*

L-Ilmentaturi ssottomettew li jħossu li s-somma ta' €9,759.46 li ġiet offruta lilhom ma tirriflettix il-ftehim li għamlu u lanqas ma tirrifletti s-somma li r-rappreżentant tal-kumpanija qalilhom li huma ser jieħdu meta ħajjarhom sabiex jagħmlu din il-polza. Żiedu li għaldaqstant huma m'humiex sodisfatti bis-somma offruta u qegħdin jitolbu li din tiġi riveduta u jingħataw is-somma kollha li kienu mwiegħeda u, cioè, s-somma ta' €23,293, ekwivalenti għal Lm10,000.

**Ikkunsidra wkoll, fl-intier tagħha, ir-Risposta tal-Provditur tas-Servizz,**[2]

Fejn il-Provditur tas-Servizz spjega u ssottometta kif ġej:

1. "Is-soċjetà esponenti tixtieq tirreferi għall-fatt allegat mill-Ilmentaturi illi l-*maturity value* fl-ammont ta' €10,498.11 fir-rigward tal-polza in kwistjoni, cioè, l-*Joint Endowment Assurance with Profits including Funeral Expenses Benefit*, bin-numru 38792 Ii nħarġet mis-soċjetà esponenti f'isem l-Ilmentaturi ma kienx ekwivalenti għall-*estimated maturity values* kif kien indikat mis-soċjetà esponenti tramite l-intermedjarju fil-mument tal-bejgħ tal-polza in kwistjoni. Konsegwentement, l-Ilmentaturi qegħdin jitolbu lill-Arbitru jiddikjara u jiddeċiedi illi s-soċjetà esponenti tiġi ordnata tħallas €23,293 Ii jirrappreżenta wieħed mill-*estimated maturity values* indikati fuq il-*quotation* ippreżentata mill-Ilmentaturi.

   FI-umli fehma tas-soċjetà esponenti, it-talba tal-Ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għal diversi raġunijiet Ii ser jiġu spjegati aktar 'I isfel.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost illi jrid jiġi spjegat illi l-ammont Ii biha immaturat il-polza Ii huwa dovut lill-Ilmentaturi huwa proprju €10,498 kif inhu indikat fuq fol. 009 u mhux €9,759.46 kif qiegħed jingħad mill-

[2] P. 67 - 72, b'annessi fuq P. 73 - 100.

Ilmentaturi fl-Ilment tagħhom. Dan proprju għaliex il-"*maturity value*" jibqa' jinbidel sad-data tal-immaturar tal-polza.

Din hija ir-raġuni għalfejn l-ammont żdied minn €9,759.46 għal €10,498. Għalhekk l-ammont li bih ġew notifikati l-Ilmentaturi permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru 2022 (annessa mal-ilment fol. 013) **kienet qiegħda turi l-valur attwali tal-polza f'dik id-data partikolari u mhux il-valur finali tal-polza, u qalet ukoll li fil-fatt f'dan id-dokument hemm il-kliem:**

"*Your policy will mature on 27 September 2022 and the current value of your policy amounts to €9,759.46*".

3. Irid jingħad illi l-ammont li qed jippretendu illi jirċievu l-Ilmentaturi jidher li huwa ibbażat fuq *quotation*. Is-soċjetà esponenti tirrileva illi l-*quotation*, kif l-isem jindika hija biss <u>**stima**</u> (*estimate* jew *illustration*) li saret fiż-żmien meta l-Ilmentaturi kienu qed jixtru l-polza *de quo*.

4. Kieku wieħed seta' jieħu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina l-kumpens allegatament dovut lill-Ilmentaturi, allura, jfisser li l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonus* issa tkun ingħatat tifsira ferm differenti minn dik ta' stima (*estimate* jew *illustration*) (hekk kif kienet ġiet użata u kif tinftiehem bit-tifsira normali tal-kliem) u tieħu minflok tifsira żbaljata ta' ammont garantit, sabiex konvenjentement l-Ilmentaturi javvantaw il-pretensjonijiet infondati tagħhom.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti tixtieq taċċenna illi hija kienet tat informazzjoni suffiċjenti lill-Ilmentaturi dwar il-polza in kwistjoni u dan fl-istadji kollha u, cioè, qabel il-ħruġ tal-polza fil-mument tal-ħruġ tal-*quototions*, fil-mument tal-ħruġ tal-polza permezz tat-*terms and conditions* tal-polza in kwistjoni, kif ukoll wara l-ħruġ tal-polza in kwistjoni.

6. Fil-fatt il-*quotation* annessa mal-ilment (fol. 15) tgħid illi "*The quotation provided is for illustration only and does not confer any rights*". Barra minn hekk fl-istess *quotation* wieħed isib:

   "*IMPORTANT NOTES OVERLEAF: Please read carefully these notes before accepting and signing this quotation*". L-***Important Notes*** li kienu annessi ma' dik l-istima ma ġewx ippreżentati mill-Ilmentaturi iżda ser jiġu

ppreżentati ma' din ir-risposta għall-ewwel darba u mmarkati bħala **Dok MSV1.**

7. Permezz tal-*Important Notes* ġie spjegat lill-Ilmentaturi it-tifsira ta' "*Reversionary bonuses*" u "*Terminal Bonus*". Ġie spjegat ukoll kif ir-"*Reversionary bonuses*" jakkumulaw fil-*Policy Account* tal-Ilmentaturi. L-istess dokument jispjega illi l-polza tal-Ilmentaturi kienet ser tipparteċipa fid-distribuzzjoni tal-profitti tas-soċjetà esponenti u għalhekk kien hemm element ta' investiment. In oltre, jingħad illi "*Reversionary Bonuses, once declared, are guaranteed to be paid at maturity ...*".

   Allura, dan ikompli jikkonferma illi ma kienx obbligatorju illi jiġu ddikjarati *reversionary bonuses* u għalhekk dak li kien hemm indikat fil-*quotation* bħala *estimated maturity value including reversionary bonuses* ma kienx garantit iżda wieħed ried jistenna ta' kull sena jekk kienx ser jiġi ddikjarat mis-soċjetà esponenti *reversionary bonus* u f'liema ammont kien ser jiġi ddikjarat sabiex wieħed ikun jista' jkun ċert kif kien qed jiżdied il-valur tal-*Policy Account* tiegħu kull sena.

   Id-dokument jagħmilha ċara wkoll illi "***<u>the estimated maturity values shown overleaf have been calculated using the bonus rates declared by the Company at the previous year end</u>”* u illi "*<u>bonus rates may go up as well as down</u>***". Għalhekk id-dokumenti ċarament spjegaw illi seta' jkun hemm bidliet fil-valuri, u huma skorretti l-Ilmentaturi meta jgħidu mod ieħor.

8. Fir-rigward tat-*Terminal Bonus* l-istess dokument anness mal-*quotation* jipprovdi illi "*<u>Depending on its profit experience</u>, the Company <u>may</u>, after the Policy's TENTH year decide to allocate from time to time a Terminal Bonus in addition to the other declared bonuses ... <u>as they depend materially on the investment performance at the time of the claim, they may be reduced or even withdrawn altogether</u>*".

   Dan juri li il-valur indikat fil-*quotation* bħala "*estimated maturity value including reversionary and terminal bonus*" fl-ammont ta' €23,293 kien ukoll mhux garantit għax is-soċjetà esponenti kellha d-diskrezzjoni illi ma tħallasx *terminal bonus.*

9. Inoltre d-dokument anness mal-*quotation* jagħmilha ċara li "*Whilst the purpose of these notes is to guide the policyholders and prospective policyholders the* <u>*benefit provided by the Policy are conferred by the Policy document*</u>". L-istess dokument anness mal-*quotation* jgħid illi

   "<u>*In the case of conflict of meaning between this quotation and the Policy document the Policy document shall prevail*</u>". Għalhekk, l-Ilmentaturi ma setgħux jistrieħu fuq il-*quotation* iżda riedu jaraw l-istess fil-kuntest tad-dokument li kien anness mal-*quotation* kif ukoll mat-termini u kundizzjonijiet tal-polza.

10. Illi s-soċjetà esponenti kienet disposta illi tħallas l-ammont Ii kien imwiegħed bil-kuntrarju ta' dak li qed jgħidu l-Ilmentaturi fl-Ilment tagħhom. Dan qed jingħad għax l-obbligu tagħha taħt il-polza in kwistjoni u dak Ii kien miftiehem kien dan Ii ġej: "*The* <u>***COMPANY HEREVY AGREES to pay the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account (if any) and/or the specified additional Benefits (if any)***</u> *...*".

    F'dan il-każ is-*sum assured* kien jammonta għal Lm2,592 (€6,037.73) u fid-data tal-maturità tal-polza, il-valur tal-*Policy Account* kien jammonta għal €10,498.11. Għalhekk is-soċjetà esponenti ottemporat mal-obbligi tagħha taħt il-polza jekk tħallas "*the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account*" fl-ammont ta' €6,037.73. Dan l-obbligu joħroġ mill-polza li kopja tagħha kienet mehmuża mal-Ilment iżda verżjoni iktar ċara u leġibbli ser tiġi annessa ma’ din ir-risposta u mmarkata bħala **Dok. MSV2.**

    Għalhekk, mhuwiex veritier dak li allegaw l-Ilmentaturi fl-Ilment fejn, fost ħafna affarijiet oħra, jgħidu Ii "*il-provditur naqasna għaliex il-kuntratt li għamilna jindika li s-somma finali meta timmatura l-polza kienet se tkun ta madwar 10,000 Liri maltin*".

    Għalhekk l-Ilmentaturi erronjament ikklassifikaw il-*quotation* bħala 'kuntratt', però, din kienet proprju stima *'Life Assurance Quotation'* kif indikat ċarament fuq dan l-istess dokument Ii jagħti stimi. Il-<u>kuntratt</u> tal-polza huwa d-dokument msemmi fis-suespost (Dok. MSV2) Ii jinkludi I-*Baby Bond Schedule* (annessa mal-Ilment bħala fol. 49) kif ser tiġi referuta iktar ’il quddiem.

11. L-istimi kienu bbażati fuq ir-rati ta qligħ li kienu qed jintużaw dak iż-żmien. **<u>Il-figuri kkwotati ma kinux ammonti garantiti imma "*Estimated Maturity Values*" ibbażati fuq il-kundizzjoniiiet ta' investiment u ċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien</u>**. L-aktar fattur importanti li jaffettwa r-rati tal-*bonus* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti. Fis-snin reċenti, il-prestazzjoni tal-investiment internazzjonali kienet aktar baxxa. Madankollu s-soċjetà esponenti tikkonferma li l-istimi li tat fil-bidu tal-polza in kwistjoni kienu fil-fatt korretti skont iċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' dak iż-żmien u għalhekk aġixxiet *in bona fede.*

12. F'dan il-kuntest, għandu jiġi apprezzat ukoll l-element ta' investiment fil-polza in kwistjoni u, għalhekk, il-fatt illi l-*maturity value* żgur li ma setax ikun garantit joħroġ b'mod ċar mill-*quotation* minħabba illi turi li kien hemm parametru xi ftit jew wisq pjuttost wiesgħa ta' avarija, ngħidu aħna, s-soċjetà esponenti kienet diġà qed tipprospetta li l-polza setgħet immaturat jew b' valur wieħed fl-ammont ta' Lm7,300 (€17,004.43) jew b'valur ikbar fl-ammont ta' Lm10,000 (€23,293). Għalhekk, għandu jirriżulta ċar li l-ebda ammont ma kien ġie garantit ħlief għas-*sum assured* fl-ammont ta' Lm2,592 (€6,037.73). Dan anke għaliex, li kieku kien fil-fatt ġie xi ammont garantit oltre s-*sum assured*, allura, wieħed jistaqsi liema ammont kellu jkun l-ammont garantit: l-*estimated maturity value including reversionary bonus* jew l-*estimated maturity value including reversionary and terminal bonuses*? Jirriżulta illi l-Ilmentaturi bbażaw l-Ilment tagħhom fuq l-akbar *estimated maturity value* indikat fil-*quotation* (fol. 015).

13. Irid jingħad ukoll illi fil-*Baby Bond Schedule* tal-polza li ġiet annessa mal-Ilment, jingħad espressament illi fir-rigward tal-*investment premium*

    "*In respect of each premium paid, Lm 112.49 shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which **<u>may</u>** be declared by the Company from time to time*".

    Dan ikompli juri illi mill-bidu tal-polza, l-Ilmentaturi kienu infurmati illi kien hemm element ta' investiment u li l-*bonuses* ma kinux mandatorji iżda kien fid-diskrezzjoni tas-soċjetà esponenti illi tiddikjara jew ma tiddikjarax dawn il-*bonuses*. Dan ikompli juri illi hija tat informazzjoni lill-Ilmentaturi li l-polza in kwistjoni kienet volatili u dan għall-kuntrarju ta' dak li l-Ilmentaturi

allegaw fl-ilment tagħhom. **<u>Barra minn hekk, l-unika ammont li ġie msemmi fuq il-Life *Policy Schedule* kien is-*sum assured*, u l-ebda ammonti li kellhom il-kelma *'Estimate'* fil-*quotation* ma kienu imsemmijin fuq din is-*Schedule*, u li dan jkompli juri li, għalhekk, skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet, l-*estimate maturity value including reversionary bonus* u l-*estimate maturity value including reversionary bonus and terminal bonus* qatt ma kienu garantiti</u>**.

14. Irid jingħad illi anke wara l-ħruġ tal-polza in kwistjoni sal-maturità tagħha, is-soċjetà esponenti baqgħet taġixxi *in bona fede* minħabba illi dejjem amministrat l-*MMSV With Profits Fund* (cioè, l-fond illi tagħmel parti minnu l-polza in kwistjoni) għan-nom u fl-aħjar interess tad-detenturi tal-poloz tagħha li llum jaqbżu it-80,000. Is-soċjetà esponenti enfasizzat li fil-fatt hija aġixxiet b'mod professjonali u b'mod trasparenti matul il-perjodu kollu tal-polza. Dan qed jingħad għaliex l-amministrazzjoni tal-fond fuq imsemmi u kif isiru l-investimenti huwa taħt skrutinju mhux biss tal-Bord, tal-*management* eżekuttiv u tal-*investment committees* tas-soċjetà esponenti, imma wkoll taħt skrutinju tal-attwarji, *Willis Towers Watson,* ditta internazzjonali, professjonali u indipendenti, kif ukoll taħt skrutinju tal-MFSA.

15. Inoltre, is-soċjetà esponenti tixtieq tispjega illi n-natura ta' *"With-Profits"* hija tali li d-deċiżjoni tal-investiment tittieħed mill-kumpanija tal-assigurazzjoni u mhux mill-assikurat. Jista' jsir paragun mal-*Unit-Linked products* li joffru l-faċilità li d-deċiżjoni tal-investimenti tittieħed direttament mill-assikurat imma mbagħad din m'għandha l-ebda garanzija. B'kuntrast, taħt il-metodu ta' "*With Profits",* il-kumpanija tal-assigurazzjoni tieħu l-piż tad-deċiżjoni tal-investiment stante illi tipprovdi garanziji li l-*investment premium* u l-*bonus* li jkunu ġew iddikjarati fill-passat fil-fatt jitħallsu lill-assikurat u għalhekk ma jistgħux jinżlu jew jitneħħew minkejja iċ-ċaqliq fis-suq. Minkejja dan, xorta waħda hemm grad ta' trasparenza rigward kif qed jiġu investiti l-*premiums* li jitħallsu mill-"*With* Profits" permezz ta' *Chartbook* li jinsab fuq il-*website* tas-soċjetà esponenti <www.msvlife.com> li jiġi aġġornat kull tliet xhur. Jinsab ukoll fuq is-sitt elettroniku tas-soċjetà esponenti "*A simple Guide to the With Profits Fund".*

16. Irid jingħad ukoll illi s-soċjetà esponenti kienet trasparenti fl-imġiba tagħha għax fil-fatt ta' kull sena, is-soċjetà esponenti dejjem żammet lill-Ilmentaturi

mgħarrfin eżattament b'dak li kien qed jiġri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imgħax li kienu qegħdin jiġu ikkreditati lill-polza *de quo* billi forniet lill-Ilmentaturi (kif għamlet ovvjament mad-detenturi tal-poloz kollha tagħha) bil-valuri attwali tal-polza *de quo*, permezz tal-*Bonus Statements* (annessi mal-ilment fol. 019-042) li magħha kien ukoll jiġi anness dokument ieħor imsejjaħ *Important Notes*, u sa mill-2001 kien ukoll jiġi anness dokument ieħor imsejjaħ *Media Release* (iktar *bonus statements* u l-*media release,* ser jiġu annessi u mmarkati bħala **Dok. MSV 3**). Il-"*Bonus Statements*" kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-polza minn sena għal sena u l-Ilmentaturi kellhom ikunu konxji bis-sħiħ dwar kif il-polza kienet qed tikber minn sena għal sena.

L-*Important Notes* annessi mal-*Bonus Statements* maħruġa kull sena, il-*media releases*, kif ukoll l-ittri fuq imsemmija jagħmluha ċara li r-rati tal-bonus ma kinux garantiti u li kienu jiddependu fuq prestazzjoni tal-investimenti, u għalhekk l-investimenti setgħu jitilgħu jew jinżlu. **Għalhekk dan juri li l-Ilmentaturi huma skorretti meta fl-Ilment tagħhom qed jimplikaw illi l-kumpanija matul it-terminu tal-polza qatt ma kkorrispondiet magħhom fir-rigward l-investiment tagħhom u l-ammonti li kienu stmati**.

B'hekk is-soċjetà esponenti tkompli turi u taċċenna illi hija forniet informazzjoni suffiċjenti lill-Ilmentaturi dwar il-polza in kwistjoni fl-istadji kollha inkluż wara l-ħruġ tal-polza u żiedet fil-fatt is-soċjetà esponenti ma rċeviet l-ebda rikjesta ta' irtirar tal-polza wara li dawn id-dokumenti ġew provduti lill-Ilmentaturi.

17. Irid jingħad ukoll illi bħal kull fond ieħor ta' investiment, l-andament tal-*MMSV With Profits Fund* huwa kompletament u dejjem soġġett għal dawk il-kambjamenti u ċaqliq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobili u ta' assi oħrajn illi ġewwa fihom jinvesti l-MM*SV With Profits Fund*. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jiżviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittieħed bħala vanġelu u, kif jaf kulħadd, il-valur ta' investiment jista' jogħla kif ukoll jinżel u l-passat m'huwiex garanzjia tal-futur.

18. Għalhekk, il-valuri indikattivi tal-investiment tal-polza in kwistjoni meta ġiet mibjugħa bl-ebda mod ma qatt ġew deskritti li kienu garantiti. Id-

diminuzzjoni fil-valur tal-investiment kif deskritt fl-Ilment ma huwa xejn ħlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-fond hawn fuq imsemmi tul il-perjodu kollu li ilha fis-seħħ din il-polza. Però, jekk wieħed jagħmel analiżi dettaljata fejn jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha (u mhux uħud biss minnhom) wieħed jasal għall-konklużjoni li xorta waħda dik il-parti tal-polza in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja) marret tajjeb kif ikkomparata ma' investimenti komparabbli fis-swieq tal-investiment tul il-kors tal-perjodu tal-polza *de quo*.

**Fil-fatt l-*average net rate of return* tal-polza in kwistjoni meta jitnaqqas l-*investment premium* li tħallas mill-*maturity value* jammonta għal 3.46% u *rate of return (gross of 15% withholding tax) on investment premium* jammonta għal 4.07%, cioè, l-Ilmentaturi għamlu gwadann ta' €3,947.36**.

Id-differenza bejn il-*maturity value* u dak li qed jippretendu li jirċievu l-Ilmentaturi mhi xejn ħlief differenza bejn is-somma stmata (*estimate* u *illustration*) fil-*Quotation* u l-valur attwali tal-investiment meta mmaturat l-istess polza. Dan il-valur attwali tal-investiment huwa l-ammont li huwa dovut lill-Ilmentaturi taħt il-polza *de quo*. Għalhekk, is-soċjetà esponenti taċċenna illi l-iskop tal-Ilmentaturi biex jixtru l-polza in kwistjoni sabiex jagħmlu tfaddil intlaħaq. Investiment ta' dan it-tip (ekwivalenti għal *savings*) kienu depożiti fil-banek li dak iż-żmien kienu jagħtu interessi ta' madwar 3% u li llum ma jagħtuk xejn. Iż-żewġ investimenti huma komparabbli għax fit-tnejn li huma ma hemmx riskju li dak li jkun jitlef il-flus li qed jinvesti u semmai jista' biss jagħmel gwadann mingħajr riskju.

19. Apparti l-element ta' investiment, suġġett prinċipali ta' din il-vertenza, il-polza in kwistjoni kellha wkoll tkopri r-riskju tal-mewt tal-Ilmentaturi matul il-kors tal-perjodu tal-istess polza, liema kopertura ovvjament għandha prezz u liema **<u>prezz qed jiġi totalment injorat mill-Ilmentaturi fl-Ilment tagħhom</u>**.

L-għan tal-polza in kwistjoni kien barra li jipprovdi "*a medium to long term tax efficient investment*" u pagament ħieles mit-taxxa meta timmatura l-polza wkoll li jkun hemm benefiċċju garantit pagabbli fil-każ ta' mewt qabel il-maturità tal-polza. L-unika ammont li kien garantit taħt din il-polza kien is-*sum assured* fl-ammont ta' Lm2,592 (€6,037.73) li kien jitħallas lill-eredi tal-assikurati kieku ġew neqsin matul il-perjodu tal-polza anke jekk kieku ġew

neqsin l-għada li ħallsu l-ewwel *premium* jew jekk il-*policy account* kien inqas mis-*sum assured.* Dan juri illi s-soċjetà esponenti ottemporat mal-obbligi kuntrattwali tagħha għax laħqet l-għanijiet tal-polza in kwistjoni meta l-istess polza laħqet *maturity value* fl-ammont ta' €10,498.11.

Għalhekk, minkejja t-tnaqqis reċenti fir-rati tal-*bonus* matul iż-żmien xorta waħda l-polza in kwistjoni kienet investiment siewi għaliex minbarra l-"*Maturity Value*" ħieles mit-taxxa, u illi kien hemm *rate of return* tajjeb ħafna, il-polza pprovdiet ukoll kopertura fuq il-ħajja li mhux ġeneralment disponibbli taħt forom oħra ta' tfaddil regolari.

20. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti tixtieq tisħaq illi l-bejgħ tal-polza in kwistjoni *sar ai termini* ta' regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgħ tal-polza. Fil-fatt, qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni, l-Ilmentaturi ġew ippreżentati bl-Avviz Statutorju maħruġ skont il-provvediment tar-Regolamenti dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Ħajja (Avviż Statutorju) (Avviż Legali 129 tas-sena 1989) kif is-soċjetà esponenti kienet rikjesta li tagħmel mil-liġi fil-mument tal-konklużjoni tal-polza liema Avviż ġie iffirmat mill-Ilmentaturi stess. L-Avviż in kwistjoni kien jinkludi diversi drittijiet, fosthom, id-dritt li jaħsbuha mill-ġdid u jekk ikunu jixtiequ, jerġgħu lura min-negozju fi żmien 15-il jum minn meta jingħata dan l-Avviż. Dan l-Avviż kien maħsub sabiex proprju jiġu evitati xi okkażjonijiet fejn ikun sar xi pressjoni jew għal kwalsiasi raġuni d-detentur ikun irid jerġa' jaħsibha jew ireġġa' lura d-deċiżjoni tiegħu.

Jidher b'mod ċar illi l-Ilmentaturi m'eżerċitaw l-ebda dritt ikkomunikat lilhom f'dan l-Avviż, tant li mbagħad intrabtu minn jeddhom bil-kuntratt in kwistjoni. Is-soċjetà esponenti qed tannetti ma' din ir-risposta kopja tal-Avviż Statutorju in konnessjoni mal-polza in kwistjoni iffirmata mill-Ilmentaturi li qed jiġi mmarkat bħala **Dok. MSV4.**

21. Finalment, is-soċjetà esponenti tixtieq tisħaq għall-aħħar darba li hija qatt, fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt relattiv u, cioè, fir-rigward tal-polza bin-numru 38792, ma kienet inadempjenti jew aġixxiet b'mod qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; u ma żgwidat lill-Ilmentaturi f'ebda stadju; u, għalhekk, m'għandhiex tkun ordnata sabiex tħallas kumpens lill-

Ilmentaturi jew spejjeż ta' din il-proċedura li saret inutilment mill-Ilmentaturi, hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Ilment.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

**Seduti**

Fl-ewwel seduta tad-19 ta' Frar 2024, Dr Zack Esmail, għall-Ilmentaturi, xehed li:

***"Is-Sinjuri kienu iffirmaw u daħlu f'Life Assurance Policy f'Ottubru 1997. U dawn daħlu f'arranġament li huwa Baby Bond Agreement għal 25 sena.***

***Li ġara hu li fl-1 ta' Settembru 2022, irċevew li l-bond immaturat bl-ammont ta' €9,759. Fil-Life Assurance Quotation li kienu ffirmaw f'Ottubru 1997, it-Terminal Bonus kien ta' Lm10,000 u, naturalment, il-claim qiegħda tiġi ibbażata minħabba l-fatt li inbidel anke il-valur minn Liri Maltin għall-Euro; meta rċevew l-ammont ta' €9,759 hemm diskrepanza bejn dan il-valur għall-valur li dak iż-żmien kien ta' Liri Maltin.***

***U mix-xhieda tas-Sinjura TM ser joħroġ il-fatt li kieku ma kienx għal dan it-Terminal Bonus ta' Lm10,000 li jammontaw għal kważi €23,000 ma kinux jidħlu għal din il-Baby Bond."***[3]

F'din l-istess seduta, l-Ilmentatriċi xehdet li:

***"Ngħid li aħna għamilniha għax konna mwiegħda l-Lm10,000 u ħajjritna u għamilniha fuq dik il-bażi.***

***Ngħid li konna rċevejna telefonata mingħand ir-rappreżentant tal-kumpanija biex jiġi fil-kumdità ta' darna biex ifiehemna fuqha u tħajjarna fuq il-bażi li s-somma dehret attraenti, ta' Lm10,000.***

***Ngħid li mhux aħna konna li kkuntattjajna lill-kumpanija, irċevejna telefonata. Ngħid li aħna kellna baby dak iż-żmien u kienu jafu, ċemplilna u ġie jkellimna darba, darbtejn. U dik kienet prattikament.***

***Ngħid li din mhux darba semmihielna l-Lm10,000.***

[3] P. 101

***Ngħid li meta konna ser nagħmlu din il-polza, ma qalilniex biex nieħdu parir ta' xi ħadd ieħor. Ngħid li ma qalilniex li din is-somma kienet 'estimated'; qalilna li żguri u li meta jgħaddi ż-żmien, wara l-25 sena, narawhom sbieħ, jew immorru xi safra, jew għall-istudji tat-tfal. Allura, aktar u aktar tibda titħajjar tagħmilha.***

***Ngħid li ġie darbtejn għandna d-dar."***[4]

L-Ilmentatur kompla li:

***"Ngħid li għandna tifla oħra (mhux din it-tifla li dak iż-żmien għamilt din il-polza fuqha) li ibbażajt l-istudji tagħha barra minn Malta fuq dan l-investiment. Din qed tistudja barra minn Malta u prattikament sallbitni b'dawn l-affarijiet. U kif irċevejna din l-ittra f'dan il-perjodu ħadna xokk enormi.***

***... Imma ngħid li dan kien xokk meta rċevejna din l-ittra u, fil-fatt, kelli nieħu loan personali ieħor biex inkun nista' ngħinha f'dawn l-istudji tagħha. Aħna konna mingħalina li ser nieħdu lura dawn it-€23,000.***

***Ngħid li l-ewwel laqgħa saret fl-1997. Id-data eżatt m'għandix. Il-quotation ġiet iffirmata fit-13 t'Ottubru 1997 u nimmaġina li kienet saret ftit qabel.***

***Ngħid li l-meeting dam siegħa żgur għax kien very nice u spjegalna fit-tul. Però, ngħid li qatt ma qalilna fiex kienu investiti l-flus. Lilna qalilna li ser nagħmluha għal 25 sena u li fl-aħħar ser nieħdu Lm10,000. Dak kien il-punt kollu. Ngħid li le, ma daħalx fiex kienu investiti, termini u kundizzjonijiet u x'ser jiġri u ma jiġrix mill-flus.***

***Ngħid li wara l-ewwel meeting, ħsibniha ftit u ddiskutejniha bejnietna għax xorta trid tara l-flus li jridu joħorġu meta tkun għadek żgħir, għadek tiżżewweġ, ikollok id-dar u kellna tarbija. Kienu xorta iebsin biex inħallsuhom il-pagamenti ta' kull sena. Imma ddeċidejna li nagħmluha għax wara 25 sena konna ser nieħdu dawk l-Lm10,000 u tarahom sbieħ.***

---

[4] P. 101 - 102

***Ngħid li kien hemm it-tieni meeting wara ġimgħa tal-ewwel meeting fejn ikkonfermajna u ffirmajna. Ngħid li dan il-meeting ma damx daqs l-ewwel wieħed. Ngħid li dam nofs siegħa żgur.***

***Ngħid li dak iż-żmien li għamilna l-polza kellna livell ta' edukazzjoni tajba u ngħidu li nifhmu bl-Ingliż.***

***Ngħid li fl-ebda minn dawn iż-żewġ meetings ma qalilna biex infittxu parir fuq dan l-investiment.***

***Ngħid li meta konna bil-flus Maltin konna nħallsu Lm120 fis-sena, u kif qlibna għall-Euros konna nħallsu €268, xi ħaġa hekk. U dan sal-2021."***[5]

Fil-kontroeżami, l-Ilmentaturi qalu li:

***"Nikkonfermaw li kellna żewġ meetings fejn l-ewwel wieħed dam madwar siegħa u t-tieni wieħed dam madwar nofs siegħa.***

***Qed jingħad li peress li għaddew 25 sena minn mindu xtrajna l-polza, ma niftakrux kelma b'kelma dak li ġie spjegat lilna peress li kulma għidna kienu żewġ sentenzi u mhux xi spjega li tieħu siegħa jew nofs siegħa.***

***Mistoqsijin x'ingħad f'din is-siegħa, ngħidu li min ġie biex ibigħilna l-polza huwa salesman. Hawn min ibiegħ flixkun u hawn min ibiegħ polza tal-assigurazzjoni, kif għamel. Dawn is-salespersons kollha jkollhom background tajjeb, ikollhom parola facile u jipprovaw jispjegawlek biex ibiegħulek il-prodott.***

***Lilna spjegalna l-futur x'jista' jkun, li ser nieħdu l-Lm10,000 wara 25 sena u spjegalna x'nistgħu nagħmlu bihom dawn l-Lm10,000. Il-focus kien fuq din it-tifla dak iż-żmien; jiena m'użajthomx għaliha, imma użajthom għal oħtha li ġiet wara ż-żmien, bgħatniha tistudja barra bil-pretensjoni li ser nieħdu dawn l-€23,000. Lilna sallbitna għax ma nafux minn fejn ser inġibu dawn il-flus.***

***Nikkonferma li meta ċemplilna stedinnih id-dar biex jiġi jispjegalna l-prodott, telaq, u ddeċidejna wara (ma għidnilux iva dak il-ħin imma ħsibniha), reġa' ġie u ffirmajna d-dokumenti. Ngħid li fit-13 t'Ottubru 1997, iffirmajna d-dokumenti.***

[5] P. 102 – 103

*Ngħid li le, qatt ma konna konxji li parti mill-polza kienet investiment u li l-MSV kienet ser tinvesti parti mill-premium tagħna. Ngħid li l-kliem tiegħu kien li wara 25 sena ser nieħdu l-Lm10,000. Anzi, niftakar li qalilna wkoll li jekk matul iż-żmien inżidu, inħallsu iżjed, imbagħad, is-somma tikber ukoll. Din qatt ma għamilniha għax ma konniex f'pożizzjoni li nzidu l-yearly plan.*

*Mistoqsi ridtx nagħmel investiment riskjuż jew jekk ridtx inġemma' flusi, ngħid li kienet sempliċi: l-ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija ma kienet. Kienet biss li jiena ser 'ninvesti' dawn il-flus – sejħilhom investiment li bigħhieli l-persuna – u jiena wara 25 sena ser nieħu dawn il-Lm10,000. Li dawn qatt ma waslu, jiġifieri, dan qarraq bija jew il-kumpanija qarrqet bija, bil-mara u t-tfal. Lili, kif diġà għidt, tefgħuli piż kbir. Ħadt riskju ieħor u bgħatt lit-tifla tistudja barra minn Malta għax kont naf li jien ser nieħu dawn il-flus imma dawn il-flus qatt ma waslu.*

*Mistoqsi inix konxju li jien għamilt gwadann fl-ammont ta' €3,947.36 b'rate of return fuq l-investment premium ta' 3.46% u b'rata gross of withholding tax ta' 4.07%, ngħid li s'issa għadni ma ħadt xejn u, allura, ma nistax inkun konxju. Meta neħodhom inkun konxju li għamilt investiment tajjeb, meta nieħu l-full imma.*

*Erġajt mistoqsi jekk inix konxju b'dan il-gwadann imsemmi, ngħid li lanqas nikkalkolahom dawn. Il-ftehim tiegħi kien li nieħu l-Lm10,000. Il-kumpanija tagħkom ma mxietx ma' dan il-ftehim. Ngħid li kien bejgħ qarrieqi. Jien ġej mis-sales jiġifieri naf x'qed ngħid: dan huwa bejgħ qarrieqi.*

*Qed jingħad li barra r-raġuni ta' investiment jien ridt nagħmel il-polza għal Life Cover u, fil-fatt, din il-polza kienet ukoll tkopri r-riskju tal-mewt tagħna. Mistoqsi jekk meta kelli l-laqgħa mar-rappreżentant kontx konxju li parti mill-polza kienet għal-Life Cover, ngħid li kien hemm li f'każ ta' mewt kien hemm xi somma marbuta miegħu, però, mhux dak il-ħin spjegahielna, imma meta rċevejna booklet bil-kuntratt u taqra l-kuntratt.*

*Qed jingħad li allura qed ngħidu li f'din is-siegħa li kellna l-meeting miegħu ma spjegalniex li f'kuntratt ma' kumpanija ta' assigurazzjoni kellna Life Cover, ngħid li le, għax il-focus tiegħu kien Baby Bond fuq dak l-ammont li ser tieħu fl-aħħar.*

*Qed niġu referuti għall-quotation (paġna 15 tal-proċess) li ppreżentajna aħna mal-ilment tagħna. Qed jingħad li fuq din il-quotation hemm ħafna figuri u l-figuri huma handwritten. Mistoqsi xi spjegalna fuq l-Lm2,592 u fuq is-Lm7,300, ngħid li kitibhom u, kif qed taraw, hemm is-somma ta' Lm10,000.*

*Mistoqsija jekk meta rajna dawn il-figuri staqsejniex dwarhom, ngħid li meta persuna ġiet biex tbiegħlek prodott, Baby Bond, u qed tgħidilna li aħna ser inħallsu din is-somma u wara 25 sena ser nieħdu l-Lm10,000 lura bil-miktub, kif hawn hawnhekk, minn kumpanija serja bħal tagħkom, temminha. Alla jħares ma temminhiex, kumpanija serja bħal tagħkom għax ser niġu f'din l-estremità mela!*

*Jekk is-salesman tal-kumpanija tagħkom qed ibiegħilna dan il-prodott u qed jiktbilna bil-miktub, jiġifieri, aħna ma nemmnuhx? Wasalna f'dan l-istat issa?*

*Erġajna mistoqsija fuq dawk iż-żewġ figuri (minbarra l-figura tal-Lm10,000) ta' fuq il-quotation, aħna staqsejnihx fuqhom dawn il-figuri u jekk ġietx spjegata xi ħaġa fuqhom peress li damet siegħa l-laqgħa, ngħid li ser nerġa' nispjegalek għal ma nafx kemm-il darba, li bil-figuri kollha, li ikkonvinċiena hu li aħna, wara 25 sena, ser nieħdu l-Lm10,000. That was the whole point li aċċettajna.*

*Il-punt kollu kien li s-salesman tagħkom biegħilna polza, Baby Bond, isimha magħha, li nieħdu Lm10,000 garantiti. Dan kien li ikkonvinċa lilna biex nagħmlu dan l-investiment jew sejjaħlu li trid.*

*Qed jingħad li l-quotation, li għandha guaranteed ħdejn is-Sum Assured, l-Important Notes (MSV 1 mar-risposta tal-Provditur tas-Servizz) u l-polza (MSV 2 mar-risposta) aħna ma tajniex każhom għax hemm miktub li l-Lm10,000 mhumiex garantiti u dak li hu garantit huwa s-Sum Assured. Ngħid li aħna dejjem imxejna fuq dak li qalilna s-salesperson. Aħna fdajnih mija fil-mija; rajna li intom kumpanija serja, iggarantielna dawn il-flus u mxejna fuqu – that's it.*

*Nikkonfermaw il-firem tagħna fuq l-Avviż Statutorju. Mistoqsija nikkonfermawx li konna konxji li kellna ġimagħtejn minn mindu rċevejna l-polza biex niddeċiedu jekk naqblux li l-kundizzjonijiet tal-polza setgħux qablu ma' dak li spjegalna Joe Borg, ngħid li aħna fdajna 200% f'Joe Borg. U nerġa'*

***nispjegalek, kumpanija serja tibgħat persuni serji u aħna fdajna fuq dak li qalilna.***

***Qed niġi referut għall-ilment fejn hemm miktub, 'Għaldaqstant, jekk kien ser ikun hemm xi bidla fil-valur li konna ser niehdu meta timmatura l-polza, ahna nistennew li għallinqas dan kellu jiġi spjegat lilna'.***

***Qed jingħad li ahna dejjem irċevejna l-Policy Account Statements (annessi mal-ilment tagħna) fejn juru li l-bonus rate kienet tinbidel matul is-snin. Ngħidu li m'aħniex nikkontestaw dan."***[6]

Ġie preżentat l-*Affidavit*[7] ta' Victor Farrugia bħala *Chief Operations Officer* tal-MSV, li dan sostanzjalment jirrepeti dak li kien diġà intqal fir-risposta oriġinali sottomessa.

Fit-tieni seduta tad-9 t'April 2024, Dr Zack Esmail iddikjara[8] li mhux ser jagħmel kontroeżami lis-Sur Victor Farrugia għall-*Affidavit* ippreżentat.

Fl-istess seduta, deher ukoll Joe Borg, il-persuna li biegħ il-polza in kwistjoni lill-Ilmentaturi.  Hu xehed li:

***"Nikkonferma li jien biegħejt polza numru 38792 ta' Endowment Assurance with Profits tal-MSV lis-Sinjuri M.***

***Ngħid li niftakarhom lis-Sinjuri M.***

***Ngħid li skont il-proċedura normali tal-bejgħ tal-poloz, kien jingħata appuntament mis-segretarju tal-ufficċju. Jiena kont magħzul randomly u ntbgħatt għall-appuntament. Iltqajt mas-Sinjuri u fl-ewwel laqgħa, li kienet iddum madwar siegħa, spjegajt il-polza lis-Sinjuri, bħas-soltu, all terms and benefits tal-policy and that was it fl-ewwel meeting.***

***Ħallejt il-karti magħhom u wara ġimgħa konna normalment nagħmlu t-tieni appuntament, jekk jikkonferma l-klijent. It-tieni darba kont inċempel jien lill-klijent, nistaqsih kienx interessat li nerġgħu niltaqgħu. U jekk il-klijent jaċċetta***

---

[6] P. 103 - 105
[7] P. 109 - 113
[8] P. 114

*konna nagħmlu appuntament ieħor fejn il-klijent jikkonferma, jiffirma l-karti biex jibdew il-proċeduri biex toħroġ il-polza.*

*Nikkonferma li kont mort darbtejn għand is-Sinjuri M. Dik kienet il-proċedura normali.*

*Ngħid li jien ma kelli l-ebda obbligu li navża lill-Ilmentaturi biex jieħdu parir mingħand xi ħadd ieħor; dik kienet responsabbiltà tagħhom. Jien kont inħallilhom id-dokumenti, nagħti ċans bejn l-ewwel u t-tieni laqgħa biex il-klijent jiċċekkja l-affarijiet tiegħu – mhux biss lil dan il-klijent partikolari imma kollha – imbagħad, jiċċekkjaw huma. Jien ma kelli l-ebda obbligu li ngħidilhom biex jiċċekkjaw ma' ħaddieħor, dik responsabbiltà tagħhom mhux tiegħi.*

*Il-polza konna nispjegawha billi nibdew bil-benefit tal-Life Cover li kien ikun garantit u dan kien il-main benefit tal-polza li dak iż-żmien ma kinux isibuha f'investimenti oħra. Illi kellhom Life Cover iggarantit malli tibda l-polza u li l-premiums li jpoġġu jkunu qed jiġu investiti u jkun qed jitla' l-Policy Account in time fejn ikunu qed jakkumulaw tul iż-żmien il-flus li jkunu qed ipoġġu u l-bonuses li jkunu qegħdin jiġu ddikjarati.*

*Konna nispjegaw car li l-base kienet li l-Life Cover li kien iggarantit f'kaz li wieħed jiġi nieqes u li dan jibqa' validu sakemm il-Policy Account jissuperah. Once li l-Policy Account jissuperah, jiġifieri, il-premiums li tpoġġew plus il-bonuses akkumulati jissuperaw il-Life Cover, jekk klijent jiġi nieqes, jieħdu l-Life Cover.*

*Ngħid li ma stajtx ninsa nispjega l-Life Cover għax dik kont nibda biha.*

*Ngħid li konna niggarantixxu kienu żewġ affarijiet:*

1. *is-Sum Assured li jibdew biha li kienet tkun miktuba u anke fuq ix-Schedule tal-Policy; u*
2. *l-bonuses li sena, sena kienu jiġu ddikjarati li kienu jirċevuhom fi statement kull sena.*

*Qed niġi referut għall-Quotation (Dok. D, paġna 15 tal-proċess), l-Important Notes overleaf (Dok. MSV 1, p. 73) u l-iStatutory Notice (Dok. MSV 4, p. 100), ngħid li l-kitba hija tiegħi. Il-Quotation inkun għamiltha fl-ewwel laqgħa u nkun ħallejthielhom u kien ikollhom annessi magħha l-Important Notes. L-*

*iStatutory Notice qgħadt nimliha u niffirma meta timtela l-Proposal Form u meta nagħtihielhom kont navżahom li minkejja li ħallsu u ffirmaw u toħroġ il-policy, once li jirċevuha, kien ikollhom 15 days cooling off period li jekk għal xi raġuni jew oħra jbiddlu l-fehma, jistgħu jirtiraw mill-policy u jieħdu l-flus lura.*

*Ngħid li kont nagħti spjegazzjoni tal-Important Notes. Ma kontx nagħtiha kelma b'kelma u naqraha għax ftit kien hemm x'jaraw, però, kont nispjegalhom, iva, x'hemm fl-Important Notes u xi jkun hemm fil-Policy Document. Kont dejjem ngħidilhom biex meta jirċievu l-policy, jagħtuha daqqa t'għajn, u jekk ikollhom xi mistoqsijiet ma jiddejqux iċempluli; kont nagħtihom card bin-numru tiegħi u dejjem għandhom żmien ġimagħtejn biex jarawhom u jiddeċiedu jekk hux ser iżommuha jew le.*

*Ngħid li kont inwiegħed kienet is-Sum Assured u d-declared bonuses annually li tagħhom ikollhom statement kull sena.*

*Ngħid li jien ma kont għamilt l-ebda pressjoni lis-Sinjuri M biex jixtru l-polza li kont ipproponejtilhom; jien kont inħalli ġimgħa bejn l-ewwel u t-tieni meeting. U lanqas kont naqbad u mmur, inċempel u nara jixtiqux it-tieni appuntament.*

*Ngħid li jiena kont nispjega ċar illi r-Reversionary Bonuses qegħdin hemm kull sena fejn għandhom rendikont tagħhom fuq l-istatements li jirċievu. It-Terminal Bonus hija xi ħaġa li l-kumpanija tiddeċiedi li tagħti fl-aħħar tal-polza. Ma konnux nagħtu garanzija, però, sal-1997, dejjem ingħataw xi Terminal Bonuses; xi ħaġa dejjem ħarġet. Ma konniex ngħidu li huma garantiti imma illi bħala kumpanija MSV Life dejjem kienet tat xi ħaġa extra at the end ma' ċerti values.*

*Ngħid li, le, ma kontx ngħidilhom li dawn ir-rati huma fissi.*

*Qed jingħad li l-Ilmentaturi qed jallegaw li jien għidtilhom li jekk jagħmlu l-polza għal 25 sena, fl-aħħar ser jieħdu Lm10,000.Ngħid li l-Lm10,000 kienet toħroġ mill-quotations li konna nagħtu skont ir-rati li kellna dak iż-żmien. Kien ikollna l-kotba f'idejna li kienet tgħaddielna l-Middlesea li inti taħdem il-quotation skont iż-żmien u l-premium u l-Estimated Values, il-quotation, toħroġ ir-rati attwali ta' dak iż-żmien. Ma kontx ngħidilhom li dawn ir-rati kienu fissi.*

*Qed jingħad li l-Ilmentatur fix-xhieda tiegħu mhux talli qal li jiena ggarantejt l-istimi li kien hemm iżda qal 'niftakar li qalilna wkoll li jekk matul iż-żmien inżidu, inħallsu iżjed, imbagħad, is-somma tikber ukoll.' Ngħid li dan il-kumment huwa stramb għalija għax fl-1997 dak il-kunċett ma kienx jeżisti. Dak hu kunċett li kien jeżisti wara s-sena 2000. Ngħid li t-top ups fl-1997 ma kinux jeżistu, lanqas konna noħolmuhom aħna. Il-quotation kienet tinħadem biss according to the premium li jitpoġġa għaż-żmien li ser iżommuha skont l-età tagħhom. Kien hemm ir-reġistru u konna naħdmuha fuqu."*[9]

Fil-kontroeżami, x-xhud kompla li:

*"Mistoqsi nafx kemm ħadu l-Ilmentaturi minn din il-polza wara dan iż-żmien, ngħid li ħadu €10,500.*

*Ngħid li jiena, le, ma ggarantejtx li fl-aħħar jieħdu s-somma ta' Lm10,000. Jien iggarantejt is-Sum Assured fil-bidu u l-bonuses li joħorġu kull sena li jiġu ddikjarati u jkollhom statement tagħhom. Is-Sum Assured kienet ta' Lm2,592. Ngħid li jekk int bdejt il-polza u poġġejt Lm120 għal 25 sena, u l-għada ġejt nieqes, hemm garanzija ta' Lm2,592 insurance cover, tpoġġa xi tpoġġa bħala flus.*

*Parallel ma' din, jibda l-Policy Account: il-premium plus il-bonuses li jiġu ddikjarati. Dan jibda tiela' bil-mod il-mod. Once li dak l-account jissupera l-Lm2,500 life cover, imbagħad, f'każ ta' mewt qabel il-maturità, jittieħed il-Policy Account, jiġifieri, jew Policy Account jew Sum Assured whichever is the highest.*

*Mistoqsi niftakrux lill-Ilmentatur, ngħid li pressa poco, iva, niftakru. Ngħid li minn dak iż-żmien 'l hawn ma jidhirlix li qatt kellimtu. Jien, ġeneralment, il-kuntatt inħallih f'idejn il-klijent, jekk ikollu bżonn ikellimni jċempilli.*

*Ngħid li m'għandix amment li l-klijenti ilmentaw miegħi fuq l-ammont li ngħataw fl-aħħar tal-polza.*

*Qed jingħad li kont jiena stess li għidt lill-Ilmentaturi biex jirreferu l-ilment tagħhom lill-Arbitru. Ngħid li m'għandix amment tagħha, però, meta klijent jilmenta fuq il-maturity figures, jiena ngħidilhom jiftħu ilment l-ewwel mal-*

[9] P. 114 - 116

***Middlesea u, jekk ma jirnexxix, jiftħu ilment mal-Arbitru tal-Finanzi. Jien m'għandix amment, però, jekk kellimni, jien inkun bgħattu. Ma nistax ngħid li niftakar li għamel kuntatt miegħi għax m'għandix amment.***

***Mistoqsi niftakarx dawn iż-żewġ meetings jew inkella naf għax iddokumentati, ngħid li dak iż-żmien ma kinux ikunu dokumentati. Dik kienet il-proċedura normali li jien kont naħdem biha."***[10]

Ġew ippreżentati wkoll is-Sottomissjonijiet Finali min-naħa tal-Ilmentaturi[11] u anke mill-Provditur tas-Servizz.[12]

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-każ**

**Jikkunsidra:**

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-każ b'referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, huwa ekwu, ġust u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.**[13]

Il-punt kruċjali f'dan l-Ilment jittratta l-allegat wegħdiet mir-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz fir-rigward tal-ammont li huma kellhom jirċievu mal-maturità tal-polza li kienet ġiet offruta lilhom.

L-Arbitru jrid imur għall-waqt li kienet qed tinbiegħ din il-polza ilmentata, x'ġie mwiegħed lill-Ilmentaturi u x'eventwalment ġie mogħti jew offrut lilhom mal-maturità.

Irid jara wkoll kif sar il-bejgħ tal-prodott ilmentat u, fuq kollox, jekk dan laħaqx *"l-aspettattivi raġonevoli u leġittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza għaż-żmien meta jkun allega li jkunu seħħew il-fatti li jkunu taw lok għall-ilment."*[14]

---

[10] P. 117
[11] P. 120 - 127
[12] P. 130 - 137
[13] Kap. 555, Artiklu 19(3)(b)
[14] Kap. 555, Artiklu 19(3)(c)

L-Arbitru għandu quddiemu żewġ, jew aħjar, tliet pożizzjonijiet ta' dak li verament ġara jew intqal waqt il-laqgħa tal-bejgħ.

Primarjament, l-Arbitru ma jistax ma jinnotax id-diskrepanza bejn dak li ntqal mir-rappreżentant tal-Ilmentaturi u dak li mbagħad intqal mill-Ilmentaturi nfushom.

Fix-xhieda tiegħu, l-avukat Zack Esmail stqarr li:

*"Fil-Life Assurance Quotation li kienu ffirmaw f'Ottubru 1997, it-Terminal Bonus kien ta' Lm10,000 ...*

*U mix-xhieda tas-Sinjura TM ser joħroġ il-fatt li kieku ma kienx għal dan it-Terminal Bonus ta' Lm10,000 li jammontaw għal kważi €23,000 ma kinux jidħlu għal din il-Baby Bond."*[15]

Minkejja din id-dikjarazzjoni, l-Arbitru jinnota li mkien fid-dokumentazzjoni ppreżentata ma ħareġ fid-deher il-fatt li l-Ilmentaturi kienu b'xi mod ġew imwiegħda *terminal bonus* ta' Lm10,000. Jidher li l-avukat għandu f'idejh informazzjoni skorretta jew inkella qed jinterpreta l-figuri kkwotati b'mod skorrett u, għaldaqstant, minħabba f'hekk, l-Aribtru mhux ser joqgħod fuq id-dikjarazzjoni ta' dan ir-rappreżentant iżda fuq dak li ddikjaraw l-Ilmentaturi infushom.

Fil-fatt, dak dikjarat mill-persuna li qed tassisti lill-Ilmentaturi bl-ilment tagħhom jikkontrasta ma' dak li ddikjarat l-Ilmentatriċi fix-xhieda tagħha meta qalet:

*"... aħna għamilniha għax konna mwiegħda l-Lm10,000 u ħajjritna u għamilniha fuq dik il-bażi."*[16]

Kuntrarjament għal dak dikjarat mill-avukat, l-Ilmentatriċi qed tirreferi għas-somma ta' Lm10,000 bħala s-somma allegatament imwiegħda lilhom fit-totalità tagħha u mhux biss bħala *terminal bonus.*

Mill-banda l-oħra, l-Arbitru ma jistax ma jinnotax ukoll kemm il-verżjoni mogħtija mir-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz dwar il-mod kif sar il-bejgħ tal-polza in kwistjoni hija dettaljata u konformi mal-prattika li l-Arbitru ra f'ilmenti oħra tal-istess natura. Għaldaqstant, huwa kruċjali li janalizza l-fatt jekk

[15] P. 101
[16] *Ibid*.

din hix kwistjoni fejn hemm xi forma ta' memorja selettiva min-naħa tal-Ilmentaturi, li jiftakru dak li jridu jew li jaqblilhom, jew hux każ ta' bejgħ aggressiv u imprudenti li tella' aspettattiva irreali f'moħħ l-Ilmentaturi.

Fix-xhieda tagħhom, l-Ilmentaturi insistew li huma aċċettaw il-polza hekk kif offruta lilhom minħabba li s-somma allegatament imwiegħda lilhom kienet waħda attraenti ferm u ma kinitx darba li ssemmiet lilhom din is-somma.

Fl-Ilment sottomess, l-Ilmentaturi ddikjaraw li *'Nifhmu li l-ammont jista' ivarja, però il-qabża li hemm fl-ammonti hija esaġerata u sproporzjonata ....'*[17], iżda, fil-kontroeżami, stqarrew li, *'... qatt ma konna konxji li parti mill-polza kienet investiment u li l-MSV kienet ser tinvesti parti mill-premium tagħna. Ngħid li l-kliem tiegħu kien li wara 25 sena ser nieħdu l-Lm10,000 ...'.*[18]

L-Arbitru jinnota li dawn huma żewġ dikjarazzjonijiet kunfliġġenti.

Mill-banda l-oħra, fix-xhieda tiegħu, Joe Borg, ir-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz li biegħ il-polza in kwistjoni lill-Ilmentaturi, ta spjegazzjoni dettaljata tal-mod kif ġiet mibjugħa din l-istess polza.

Hu partikolarment stqarr li kien mar darbtejn id-dar tal-Ilmentaturi, xi spjega kien jagħti u li, fuq kollox, wara li kien għamel il-*quotation*, kien ħallieha lill-Ilmentaturi flimkien mal-*Important Notes*. Ta' min isemmi li fix-xhieda tagħhom, minkejja li ma ndikawx x'kienu dawn id-dokumenti, huma fil-fatt ikkonfermaw li r-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz kien ħallielhom xi dokumenti x'jaraw qabel ma reġa' ltaqa' magħhom it-tieni darba.

Kif diġà ntqal aktar kmieni, id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz hija waħda dettaljata u kredibbli, anke partikolarment minħabba dikjarazzjoni b'referenza għal xi *top-up* li l-Ilmentaturi allegaw li ngħataw iċ-ċans li jagħmlu sabiex is-somma li huma jkunu intitolati għaliha mal-maturità tal-polza tiżdied.

Minkejja din id-dikjarazzjoni, ma ġiet ippreżentata l-ebda prova ta' dan kollu. Din ġiet iżda kkontestata mill-istess rappreżentant meta ddikjara li fil-perjodu li ġiet mibjugħa l-polza ilmentata, *top-ups* ma kinux possibbli.

---

[17] P. 4
[18] P. 103

Hu stqarr *'Ngħid li dan il-kumment huwa stramb għalija għax fl-1997 dan il-kunċett ma kienx jeżisti. Dak hu kunċett li kien jeżisti wara s-sena 2000. Ngħid li top-ups fl-1997 ma kinux jeżistu, lanqas konna noħolmuhom aħna*.'[19]

A bażi tad-diversi dikjarazzjonijiet tal-Ilmentaturi, huwa diffiċli li jiġi aċċettat li kulma fehmu minn dak li qalilhom ir-rappreżentant tal-Provditur tas-Servizz kien biss li l-ammont ta' Lm10,000 kien ser jingħata definittivament lilhom mal-maturità.

Biex tintlaħaq il-figura kkwotata jrid isir *'compounding'* b'rata għolja li għalkemm kienet fattibbli fl-1997, ma kinitx xi ħaġa li setgħet tiġi sostnuta u garantita għal 25 sena sħaħ. Għaldaqstant, mill-banda l-oħra, kruċjali li jiġi kkunsidrat il-fatt li anke persuna mhux tant intiża fil-finanzi tifhem li mhux floku tassumi li dawn ir-rati kienu ser jibqgħu f'dak il-livell għal 25 sena speċjalment peress li l-kontribuzzjonijiet tagħhom kienu mifruxa fuq 25 sena u mhux xi *'lump sum investment'* li tista' tiġi investita mal-ewwel biex torbot ir-rati tal-imgħax għal żmien twil.  Dan apparti li dak iż-żmien *bonds* għal terminu twil fil-Lira Maltija ma kinux jeżistu.

L-Arbitru jifhem li polza bħal din ilmentata taħdem hekk kif spjegat mill-Provditur tas-Servizz fit-tweġiba għall-Ilment, u anke minn Victor Farrugia fl-*Affidavit* tiegħu, u mhu fl-ebda ħin jiddeċiedi mod ieħor.

Iżda, tikkunsidra li, hekk kif iddikjarat fl-Ilment sottomess, l-Ilmentaturi kienu konxji li s-somma setgħet tvarja, u l-fatt li hemm avarija kbira bejn l-ammont indikat lilhom fil-mument tal-bejgħ u l-ammont offrut mal-maturità, huwa wkoll riflessjoni tal-ottimiżmu żejjed u n-nuqqas ta' kawtela mill-Provditur tas-Servizz dak iż-żmien partikolarment meta d-data tal-maturità kienet ferm 'il bogħod.

Il-Provditur tas-Servizz messu kien aktar kawt fil-kwotazzjonijiet li joħroġ u flok waħda messu ħareġ *spectrum* ta' kwotazzjonijiet maħduma b'rati differenti għax fuq perjodu ta' ħamsa u għoxrin sena xejn ma jibqa' stabbli.

Fil-fatt, ingħad li wara s-sena 2000 bdew joħorġu tliet kwotazzjonijiet u mhux waħda, u dan jgħin biex il-klijent jifhem li ma kien hemm xejn garantit għal ħamsa u għoxrin sena.

[19] P. 116

F'deċiżjonijiet preċedenti mogħtija mill-Arbitru, intqal diversi drabi li tintuża l-kelma *'estimated'* fi kwotazzjoni mogħtija lil klijent prospettiv ma kienx biżżejjed. Iżda, barra minn hekk, l-Arbitru huwa tal-fehma wkoll li l-argument li l-użu tal-kelma *'estimated'* tista' tfisser li filwaqt li l-ammont ma kienx garantit, kellu jkun bejn wieħed u ieħor viċin is-somma kkwotata, għandu validità limitata. Kieku qed nitkellmu fuq kuntratt ta' ftit xhur, wieħed jifhem li l-*'estimated'* tkun madwar ftit perċentwali 'l hawn u 'l hemm. Iżda, f'kuntratt ta' ħamsa u għoxrin sena, il-kelma *'estimated'* tieħu tifsira ferm differenti minħabba li t-tul ta' żmien idaħħal element ta' inċertezza.

Għalhekk, għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet, kien ikun aħjar li kieku f'kuntratt ta' tul ta' żmien, flok *'estimated',* jiġi użat terminu aktar ċar, bħal *'amount projected but not guaranteed based on current return'.*

Permezz t'hekk, flimkien mal-fattur imsemmi aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni li jirrigwardja l-kwotazzjonijiet b'rati tal-imgħax differenti, il-kwotazzjoni mogħtija lil klijent prospettiv tkun qed tinkorpora żewġ punti prinċipali – il-fatt li l-polza mhix sempliċiment tali li jitħallas ċertu *premium* annwali u mal-maturità wieħed ikun intitolat għal somma partikolari, u li l-ammont li qed jiġi pproġettat mhuwiex garantit minħabba li dan jiddependi fuq ir-rata tal-imgħax fil-mument li ġiet maħruġa l-kwotazzjoni u li, fuq kollox, din ir-rata tista' tvarja.

Għalhekk, l-Arbitru jasal għall-konklużjoni li filwaqt li ma hemmx aspettattiva leġittima min-naħa tal-Ilmentaturi li jitħallsu l-ammont sħiħ mitlub bħala xi ħaġa li kienet garantita irrispettivament mill-andament tal-investimenti marbutin mal-polza, xorta hemm każ li jitħallsu ftit iżjed minn dak offrut lilhom għax il-Provditur tas-Servizz seta' ħa miżuri oħra biex ma jkunx hemm aspettattivi irreali anke jekk mhux leġittimi.

**Għalhekk, għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru jiddeċiedi li l-Ilment huwa wieħed ġust, ekwu u raġonevoli, u ser jilqgħu limitatament sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.**

**Kumpens**

F'dan il-każ, l-Arbitru qed jagħti rimedju għaliex iħoss li l-aspettattivi tal-Ilmentaturi, sal-limitu ta' fejn kienu leġittimi, ma ġewx milħuqa. L-aspettattivi tagħhom kienu li mal-maturità tal-polza kienu ser jirċievu s-somma ta'

€23,293.73, li iżda mal-maturità ġew offruti ferm inqas. Iżda, ma jistax jingħad li l-aspettattivi tal-Ilmentaturi kienu kompletament leġittimi.

L-Arbitru jrid jasal għal kumpens li jrid ikun ibbażat fuq ġustizzja ekwitattiva kif huwa dovut li jagħmel espressament permezz tal-Artikoli 19(3)(b) u 26 tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li jara wkoll li dan l-ammont ikun raġonevoli, dan ma jistax ikun preċiż minħabba li hemm diversi fatturi li jridu jiġu ikkunsidrati.

Primarjament, minkejja li mal-maturità tal-polza, l-ammont offrut lill-Ilmentaturi ma kien xejn viċin dak oriġinarjament ikkwotat lilhom, ma ġiet ippreżentata l-ebda prova li ħamsa u għoxrin sena ilu huma kellhom xi għażliet oħrajn ta' investiment jew tfaddil u li minnhom seta' jkollhom ritorn daqs dak ikkwotat jew iktar u, għalhekk, ifisser li ma ġiet ippreżentata l-ebda prova ta' xi *opportunity loss* imġarrab mill-Ilmentaturi infushom.

Dan minbarra l-fatt ukoll li permezz ta' din il-polza, l-Ilmentaturi żgur li ma kellhom xejn x'jitilfu. Apparti l-element ta' kopertura fuq il-ħajja, l-Ilmentaturi kellhom iċ-ċans li jikkontribwixxu għat-tfaddil permezz ta' din l-istess polza u dan billi jħallsu ammont żgħir kull sena għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ.

Barra minn hekk, meta l-Arbitru ħares lejn l-andament kumplessiv tal-polza, ra li r-rendiment tagħha kien ta' aktar minn erbgħa fil-mija[20] li, fiċ-ċirkostanzi kollha, ma kienx wieħed ħażin u, għalhekk, dan għandu wkoll jiġi ikkunsidrat fi sfond fejn il-kapital tal-investiment kien sostanzjalment garantit.

Għalhekk, l-Arbitru jiddeċiedi li s-somma xierqa li għandha tingħata lill-Ilmentaturi bħala kumpens hija dik ta' **€1,575**.

**Għaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MAPFRE MSV LIFE p.l.c.* tħallas lill-Ilmentaturi s-somma ta' elf, ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,575) b'żieda mas-somma diġà offruta, cioè, mas-somma ta' €10,498.11,[21] u, għalhekk, iħallashom is-somma kumplessiva ta' €12,073.11 (tnax-il elf u tlieta u sebghin ewro punt wieħed wieħed).**

[20] P. 113
[21] P. 9

**Il-kumpens għandu jitħallas fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data ta' din id-deċiżjoni. Jekk dan ma jsirx, il-ħlas għandu mbagħad isir bl-imgħax ta' 4.25% fis-sena mill-iskadenza tal-ħamest ijiem sad-data tal-ħlas effettiv.**

**L-ispejjeż ta' dan il-każ huma għall-Provditur tas-Servizz.**

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**<u>Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru</u>**

*Dritt ta' Appell*

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, ħlief għad-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att Dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien 20 (għoxrin) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont artikolu 26(4) tal-Att, għandhom ikunu magħmula mal-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi żmien 15 (ħmistax)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, d-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-Ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont artikolu 11(1)(f) tal-Att.

*L-ispejjeż tal-proċeduri*

Skont l-artikolu 26(3)(d) tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) (‘l-Att’), l-Arbitru ddeċieda min għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri u f’liema proporzjon, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

L-ispejjeż tal-proċeduri mhumiex limitati għall-pagament tal-ispejjeż applikabbli fuq ilment magħmul mal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (preżentament Ewro25), imma jistgħu wkoll jinkludu kull pagament raġonevolment u legalment applikabbli ta’ spejjeż professjonali u legali mħallsa mill-Ilmentatur, limitati għal atti ppreżentati matul il-każ. Tali spejjeż professjonali m’għandhomx jinkludu spejjeż ġudizzjarji jew ħlasijiet oħra kontinġenti magħmula barra l-proċeduri tal-każ.

L-ammont ta’ tariffi u spejjeż rigward servizzi professjonali jew ta’ konsultazzjoni mogħtija lill-konsumaturi relatati mat-talbiet jew proċeduri taħt l-Att, li jistgħu legalment u raġonevolment jintalbu bħala parti mill-ispejjeż tal-proċeduri, mhumiex speċifikati fid-dispożizzjonijiet preżenti tal-Att.

L-Arbitru jistenna iżda li tali tariffi u spejjeż għandhom jirriflettu t-tariffi u spejjeż hekk kif stipulati u applikabbli għal proċeduri magħmula fil-Qorti Ċivili ta’ Malta fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.